**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Richard Sciberras**

**Illum, 09 t'April 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

"Richard Sciberras, detentur ta' karta tal-identita bin-numru 22974M;

U nakkuzah talli nhar is-07 t'April 2019 għall-ħabta ta' nofsinhar ġewwa f'Ħal Qormi;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Renald Baldacchino f'periklu car, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi, hekk kif iċċertifika Dr. Karim Abdalla MD;

U aktar talli nhar is-07 t'April 2019 u fix-xahar ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-gżejjer:

2. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' 1-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-liċenzja mill-President ta' Malta Ii jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess żminijiet, u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu id-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-

President ta’ Malta Ii jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Barra min dan, l-imputat Richard Sciberras huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b’sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta’ Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.”

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta’ l-imputat fi stadju bikri tal-proċeduri, iżda qed tqis ukoll il-

gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikulari li taw lok għal dan il-każ, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 28A, 49, 216, 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 292/1939 li jemendaw l-istess, fuq ammissjoni ssib lill-imputat ħati u wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ minn fejn jirriżulta li l-imputat għandu jibbenefika wkoll mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, (1) **tikkundanna lill-imputat** għal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal erbgħa snin u (2) **Tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Probation** għal żmien sentejn mil-lum, f'liema żmien l-imputat għandu jkun segwit u jingħata l-għajnuna meħtieġa anke dik professjonali li jirriżulta li għandu bżonn wara evalwazzjoni appożita.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jiġri f'każ li ma jottemporax ruħu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur